MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 21/2012

Josianne Simiana

Vs

Anton Cassar

It-Tribunal;

Ra' l-Avviz li permezz tieghu l-attrici tablet illi tithallas minn ghand il-konvenut is-somma ta' elf ewro bilanc minn somma akbar dovuta bhala hlas ta' akkomodazzjoni provduta mill-attrici lil ulied minuri tal-konvenut, meta dawn kienu jattendu l-iskola St. Edwards fis-snin skolastici minn elfejn u disgha (2009) sa elfejn u hdax (2011). Dan bl-imghax, u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali numru 692/2011 tal-11 ta' Ottubru 2011

Ra' id-digriet tieghu tas-27 ta' Gunju 2012, li permezz tieghu fost affarijiet ohra appunta din il-kawza ghad-19 ta' Settembru 2012.

Ra illi minkejja li l-konvenut kien notifikat bl-avviz tat-talba u dak tas-smigh (riferta tergo fol.2) huwa baqa' ma prezentax risposta fi zmien li trid il-ligi u lanqas deher personalment biex jikkontesta it-talbiet attrici.

Ra d-dokumenti kollha esebiti minn l-attrici.

Sema' ix-xhieda mressqa minn l-attrici;

Ra d-digriet tieghu tad-19 ta' Settembru 2012 li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza, in difett ta' ostakolu ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra:-

Illi l-konvenut f'din il-kawza baqa' kontumaci meta ma rrispondiex l-kawza bil-miktub u lanqas deher fis-seduta biex joffri kontestazzjoni ghat-talbiet attrici.

Illi l-attrici kienet izzomm ghandha lil ulied minuri tal-konvenut li huma residenti f'Ghawdex, tul iz-zmien li dawn kienu jattendu skola fil-gzira ta' Malta. Kienet izommhom matul il-jiem tal-gimgha u fi tmiem il-gimgha dawn kienu jmorru d-dar ghand il-genituri taghhom f'Ghawdex. Skont l-attrici dejjem kien il-konvenut li hallas ghal dan is-servizz bir-rata mitluba. L-omm kienet thallas ghal servizzi ohra bhal xiri ta' affarijiet ta' l-iskola. Pero il-konvenut naqas minn li jhalls ta' l-ahhar simestru ta' l-iskola. L-attrici ikkonfermat illi sad-data li fih tat id-depozizzjoni taghha dan l-ammont kien ghadu ma thallasx.

Fil-kontumacja tal-konvenut u peress illi t-talba attrici tidher gustifikata fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi ghandu jakkolji l-istess talba attrici.

L-imghaxijiet ghandhom skont il-ligi jiddekorru mid-data ta' l-ittra ufficcjali cioe mill-11 ta' Ottubru 2011.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' it-talbiet attrici; jikkundanna lill-konvenut ihallas lil attrici s-somma ta' elf ewro (€1000); bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficcjali cioe mill-11 ta' Ottubru 2011. Bl-ispejjes kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali citata kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------